Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fis-17 ta’ Settembru 2019[1]

Kawża C-489/19 PPU

NJ (Uffiċċju tal-Prosekutur ta’ Vjenna)
Proċedura kriminali
fil-preżenza ta’:
Generalstaatsanwaltschaft Berlin

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta’ Berlin, il-Ġermanja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f’materji kriminali – Mandat ta’ arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 6(1) – Awtorità ġudizzjarja emittenti – Indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur mill-poter eżekuttiv – Kriterji ta’ evalwazzjoni – Mandat ta’ arrest Ewropew maħruġ minn prosekutur u approvat, wara stħarriġ eżawrjenti, minn qorti tad-dritt komuni qabel ma jiġi implimentat”

1. Fis-sentenza OG u PI[2], deċiża mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta’ “awtorità ġudizzjarja emittenti”, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] 2002/584/ĠAI[3], għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jikkonċernax lill-Uffiċċji tal-Prosekutur ta’ Stat Membru li huma esposti għar-riskju li jiġu suġġetti għal ordnijiet jew għal struzzjonijiet individwali min-naħa tal-poter eżekuttiv, fil-kuntest tal-adozzjoni ta’ deċiżjoni dwar il-ħruġ ta’ mandat ta’ arrest Ewropew. Permezz tat-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta’ Berlin, il-Ġermanja), li hija adita minn talba ta’ konsenja maħruġa mill-awtoritajiet Awstrijaki, tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-rekwiżit ta’ indipendenza u dwar il-kriterji ta’ evalwazzjoni li għandhom jintużaw f’dan il-każ, fir-rigward ta’ mandat ta’ arrest Ewropew maħruġ minn Uffiċċju tal-Prosekutur u preċedentement approvat minn qorti[4].

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Sentenza tas-27 ta’ Mejju 2019 (Uffiċċji tal-Prosekutur ta’ Lübeck u ta’ Zwickau) (C-508/18 u C-82/19 PPU, EU:C:2019:456, iktar ’il quddiem is-“sentenza OG u PI”).

3 Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 2002 fuq il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34), kif emendata bid-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta’ Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar ’il quddiem id-“Deċiżjoni Qafas 2002/584”).

4 Għandhom jiġu nnotati tliet talbiet għal deċiżjoni preliminari (C-625/199 PPU, C-626/19 PPU u C-627/199 PPU) ippreżentati fit-22 ta’ Awwissu 2019 mill-istess qorti (ir-rechtbank Amsterdam, il-Qorti ta’ Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), li jirrigwardaw l-istess kwistjoni ġuridika.

Il-kuntest legali

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584

2. Fil-premessi tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-leġiżlatur tal-Unjoni jagħmel id-dikjarazzjonijiet segwenti:

"(5) L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u jbiddlu b'sistema ta' ċediment bejn awtoritajiet ġudizzjarji. 'Il fuq minn dan, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ssimplifikata ta' ċediment ta' persuni mogħtija sentenza jew suspettati għall-iskopijiet ta' eżekuzzjoni jew prosekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jagħmel possibbli t-tneħħija tal-komplessità u potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti ta' l-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' koperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu mibdula b'sistema ta' moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tinata' s-sentenza kif ukoll dawk finali, ġo żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Qafas hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew irrefera għalih bħala l-'punt ta' referenza' tal-koperazzjoni ġudizzjarja.

[…]

(8) Deċiżjonijiet fuq l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhom ikunu suġġetti għal kontrolli suffiċjenti, li jfisser li awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru fejn il-persuna rikjesta ġiet arrestata jkollha tieħu d-deċiżjoni fuq iċ-ċediment tiegħu jew tagħha.

[…]

(10) Il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tiegħu jista' jiġi sospiż biss fil-każ ta' vjolazzjoni serja u persistenti minn wieħed mill-Istati Membri tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, determinati mill-Kunsill skond l-artikolu 7(1) tat-Trattat imsemmi bil-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tiegħu.

[…]

(12) Din id-Deċiżjoni Kwadru hi in konformità mad-drittijiet fondamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta […], partikolarment il-Kapitolu VI tiegħu. […]"

3. L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligazzjoni li jiġi esegwit", jipprevedi:

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-priċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligazzjoni għar-rispett ta' drittijiet fondamentali u prinċipji legali fondamentali kif miġbur fl-Artikolu 6 [TUE]."

4. L-Artikolu 2(1) tal-imsemmija deċiżjoni qafas jipprevedi:

"Mandat ta' arrest Ewropew jista' jiġi maħruġ għal atti li huma punibbli mil-liġi ta' l-Istat Membru li joħorġu bi sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar jew, fejn sentenza ġiet mogħtija jew ordni ta' detenzjoni ġiet magħmula, għal sentenzi ta' mill-inqas erba' xhur."

5. Skont l-Artikolu 2(2) tal-istess deċiżjoni qafas, jekk huma punibbli fl-Istat Membru emittenti b'piena jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin kif iddefiniti mil-liġi tal-Istat Membru emittenti, il-ksur elenkati f'din id-dispożizzjoni jwasslu għal konsenja abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew u mingħajr verifika tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Dan huwa l-każ għal serq organizzat jew bl-użu ta' armi [5].

6. L-Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jelenkaw il-motivi ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni mandatorju u fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew.

7. Skont l-Artikolu 6 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Determinazzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti":

"1. L-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-manadat għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru li joħroġ Il-mandat li hi kompetenti biex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew bis-saħħa tal-liġi ta' dak l-Istat.

2. L-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru li jesegwixxi li hi kompetenti biex tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew bis-saħħa tal-liġi ta' dak l-Istat.

3. Kull Stat Membru għandu jinforma s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-awtorità ġudizzjarja kompetenti taħt il-liġi tiegħu."

8. L-Artikolu 8 tal-imsemmija deċiżjoni qafas jirregola l-kontenut u l-forma tal-mandat ta' arrest Ewropew.

9. L-Artikolu 11 tal-istess deċiżjoni qafas, dwar id-drittijiet tal-persuna rikjesta, jipprevedi li "[m]eta persuna rikjesta hi arrestata, l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi kompetenti għandha, skond il-liġi nazzjonali tagħha, tinforma dik il-perusna [bi]l-mandat ta' arrest Ewropew u [bi]l-kontenut tiegħu, u wkoll tal-possibbiltà li tikkunsenta għaċ-ċediment lill-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat".

10. L-Artikolu 14 jippevedi li "[f]ejn il-persuna arrestata ma tagħtix kunsens għall-konsenja tagħha kif imsejħa fl-Artikolu 13, il-persuna għandha tkun intitolata li tinstema' mill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi, skond il-liġi ta' l-Istat Membru li jesgwixxi".

5 Ara t-tmintax-il inċiż tal-Artikolu 2(2).

Id-dritt Awstrijak

11. L-Artikolu 2(1) tal-iStaatsanwaltschaftsgesetz (il-Liġi dwar l-Uffiċċji tal-Prosekutur, iktar 'il quddiem l-"iStAG") jipprevedi:

"Fi ħdan kull Landesgericht (Qorti Reġjonali) adita minn kawżi kriminali, hemm Uffiċċju tal-Prosekutur; fi ħdan kull Oberlandesgericht (Qorti Reġjonali Superjuri), hemm Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali; u fl-Obersten Gerichtshof (il-Qorti Suprema), il-Prosekutur Ġenerali. L-Uffiċċji tal-Prosekutur jirrispondu direttament lill-Uffiċċji tal-Prosekutur Ġenerali u huma suġġetti għall-ordnijiet tagħhom u dawn kif ukoll il-Prosekutur Ġenerali huma suġġetti għall-Ministru Federali tal-Ġustizzja".

12. L-Artikolu 29 tal-Gesetz über die Justizielle Zusammenarbeit in Strafsachen mit den Mitgliedstaaten der Europäischen Union (il-Liġi dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, iktar 'il quddiem l-"EU-JZG") jistabbilixxi r-rekwiżit ta' approvazzjoni ġudizzjarja tal-mandat ta' arrest Ewropew (liema approvazzjoni ngħatat, f'dan il-każ). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 29(1) tal-EU-JZG tipprevedi dan li ġej:

"L-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu jordna l-arrest permezz ta' mandat ta' arrest Ewropew approvat ġudizzjarjament u għandu jiżgura, jekk ikun il-każ, in-notifika tal-persuna mfittxija fis-sistema ta' informazzjoni Schengen skont l-Artikolu 95 tax-Schengener Durchführungsübereinkommen [il-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen] permezz tal-awtoritajiet kompetenti ta' sigurtà meta jkun il-każ li jinħareġ avviż ta' tfittxija ta' persuna sabiex tiġi arrestata tal-inqas fi Stat Membru wieħed".

13. Fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ ġudizzjarju, il-kriterji ta' legalità u ta' proporzjonalità għandhom jiġu osservati skont l-Artikolu 5(1) u (2) tal-iStrafprozessordnung (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, iktar 'il quddiem is-"StPO"):

"(1) Fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom u tal-ġbir tal-provi, il-pulizija kriminali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-qorti ma jistgħux jippreġudikaw id-drittijiet tal-persuni ħlief jekk dan ikun previst mil-liġi b'mod espress u biss sa fejn ikun neċessarju għat-twettiq tad-doveri tagħhom. Kull preġudizzju ta' dritt ikkawżat għal din ir-raġuni għandu jibqa' proporzjonat mal-gravità tal-ksur, mal-grad ta' ħtija tal-persuna ssuspettata u mar-riżultat imfittex.

(2) Fl-għażla bejn doveri differenti u miżuri koerċittivi effettivi differenti, il-pulizija kriminali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-qorti għandhom jużaw dak li jippreġudika l-inqas lid-drittijiet tal-persuni kkonċernati. Il-kompetenzi mogħtija mil-liġi għandhom jiġu eżerċitati f'kull stadju tal-proċedura b'mod li jiġi evitat li ssir sensazzjoni inutli, tiġi rrispettata d-dinjità tal-persuni kkonċernati u jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi li jixirqilhom li jiġu protetti".

14. Skont l-Artikolu 87(1) tas-StPO, l-approvazzjoni ġudizzjarja hija appellabbli [6].

15. Il-proċedura ta' approvazzjoni ġudizzjarja hija rregolata mill-Artikolu 150 tas-StPO:

"(1) Hija l-qorti li għandha tiddeċiedi dwar it-talbiet għall-kundanna għall-arrest preventiv jew għall-estensjoni tal-arrest preventiv kif ukoll dwar l-approvazzjoni ta' ċerti miżuri koerċittivi. Il-qorti għandha tagħti terminu ta' twettiq għall-miżura approvata taħt piena ta' dekadenza (Artikolu 101(3)). Jekk tkun ġiet ordnata n-notifika għall-arrest, skont l-Artikolu 169, it-terminu ma jibdiex jiddekorri matul il-perijodu ta' validità tan-notifika iżda huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur li għandu jivverifika tal-inqas darba fis-sena jekk il-kundizzjonijiet tal-arrest għadhomx issodisfatti.

6 Ara l-punt 93 ta' dawn il-konklużjonijiet.

(2) Jekk, għal raġunijiet legali jew prattiċi, huma meħtieġa doveri kumplimentari sabiex tiġi deċiża talba skont il-paragrafu (1), il-qorti għandha tordna lill-pulizija kriminali twettaqhom jew twettaqhom hi *ex officio*. Din tista' wkoll titlob lill-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-pulizija kriminali biex jippreċiżaw elementi fattwali tal-fajl u jippreżentaw rapport dwar l-eżekuzzjoni tal-miżura approvata u tad-doveri kumplimentari. Wara l-kundanna għad-detenzjoni provviżorja, il-qorti tista' tordna li minn dakinhar 'il quddiem tirċievi kopja tad-dokumenti tal-fajl, imsemmija fil-punti 2 u 3 tal-Artikolu 52(2)".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

16. Bis-saħħa tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ f'dan il-każ, l-awtoritajiet Awstrijaki talbu l-arrest ta' NJ u l-konsenja tiegħu għall-proċeduri kriminali, minħabba li l-persuna kkonċernata wettqet il-fatti segwenti fi Vjenna, l-Awstrija.

17. Fid-9 ta' Awwissu 2018, NJ daħal, flimkien ma' persuna oħra, f'kowċ tat-turisti tal-impriża SQ Equipment Leasing Polska u minnu seraq apparat fotografiku u basket, żewġ basktijiet li jinġarru mad-dahar, portmoni u CYN 1 000 (renminbi yuan Ċiniż) (madwar EUR 128) f'kontanti. Fl-istess ċirkustanzi, NJ seraq ukoll il-karta ta' kreditu ta' vittma. Fl-10 ta' Awwissu 2018, NJ daħal, flimkien ma' persuna oħra, f'vettura tal-impriża W. E. Blaschitz, sabiex minnha jisraq xi oġġetti, iżda ħarab b'idu f'idu wara li ġie sorpriż minn terz, li ma segwihomx peress li kellhom sikkina. Fis-17 ta' Awwissu 2018, NJ seraq, flimkien ma' persuna oħra, basket li kien fih portmoni, telefon ċellulari u nuċċali b'valur totali ta' EUR 950, kif ukoll EUR 50 f'kontanti; NJ seraq dan il-basket waqt li l-persuna li kienet miegħu aljenat lir-raġel tal-vittma. Fit-18 ta' Awwissu 2018, NJ daħal, flimkien ma' persuna oħra, f'vettura ta' terz billi kisser il-ħġieġa tal-ġenb, sabiex jisraq oġġetti minnha, iżda ma sab xejn fiha (iktar 'il quddiem ir-"reati kriminali allegati").

18. B'effett mill-14 ta' Mejju 2019, NJ kien suġġett ta' miżura ta' detenzjoni provviżorja minħabba serq fil-kuntest ta' proċedura mibdija mill-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Berlin (il-Ġermanja). Il-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Vjenna fis-16 ta' Mejju 2019, approvat mill-qrati permezz ta' digriet tal-Landesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali ta' Vjenna, l-Awstrija) tal-20 ta' Mejju 2019, juri li NJ kien is-suġġett ta' mandat ta' arrest nazzjonali, bl-istess numru ta' referenza tal-kawża, maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Vjenna fl-14 ta' Mejju 2019, approvat ġudizzjarjament mill-istess qorti reġjonali fis-16 ta' Mejju 2019, fir-rigward tar-reati kriminali allegati.

19. Fl-24 ta' Mejju 2019, NJ wera n-nuqqas ta' qbil tiegħu dwar konsenja ssimplifikata[7]. Permezz ta' digriet tad-29 ta' Mejju 2019, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet biss dwar miżura ta' detenzjoni provviżorja fir-rigward ta' NJ (minħabba dubji dwar l-awtorità ġudizzjarja emittenti tal-mandat ta' arrest Ewropew), filwaqt li rrilevat li l-persuna kkonċernata kienet diġà arrestata.

20. Skont id-dikjarazzjoni[8] li għamel wara s-sentenza OG u PI[9], il-Gvern Awstrijak iqis li l-imsemmija sentenza ma għandhiex effett għar-Repubblika tal-Awstrija, għaliex il-proċedura stabbilita fid-dritt Awstrijak[10] tikkorrispondi, fil-fehma tiegħu, għar-rekwiżiti esposti f'din is-sentenza. Madankollu, il-qorti tar-rinviju ma taqbilx ma' din l-analiżi għaliex, fil-fehma tagħha, il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 74 u 75 tas-sentenza OG u PI huma kumulattivi (u mhux alternattivi, hekk kif jidher li jiddikjara l-Gvern Awstrijak fl-imsemmija dikjarazzjoni)[11].

7 Ara l-punti 9 u 10 ta' dawn il-konklużjonijiet.

8 Fid-digriet tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju rreferiet (fil-punt 22) għal dikjarazzjoni magħmula mill-Gvern Awstrijak. Jidhirli li din hija d-dikjarazzjoni msemmija fid-dokument tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2019, intitolat "Judgments of the CJEU of 27 May 2019 in joined cases C-508/18 and C-82/19 PPU and in case C-509/18 – public prosecutors offices acting as judicial authorities – Exchange of views on the follow-up – Paper by the Presidency", Dokument Nru ST 9974 2019, p. 13.

9 Kif murija preċedentement (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2).

10 Ara l-punti 11 sa 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

11 Ara l-punti 76 sa 81 tal-konklużjonijiet ippreżentati.

21. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-ordnijiet li tkun suġġetta għalihom prosekuzzjoni jipprekluduha milli toħroġ validament mandat ta' arrest Ewropew anki jekk din id-deċiżjoni tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju eżawrjenti qabel l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew?"

22. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern Awstrijak u dak Ġermaniż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. L-istess partijiet u l-Gvern Spanjol għamlu sottomissjonijiet orali waqt is-seduta li saret fit-3 ta' Settembru 2019.

Dwar l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari

23. Il-qorti tar-rinviju talbet sabiex dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

24. Insostenn ta' din it-talba, il-qorti tar-rinviju osservat li l-persuna kkonċernata kienet fil-preżent imċaħħda mil-libertà tagħha doppjament. Fil-fatt, minn naħa, din kienet suġġetta għal detenzjoni provviżorja fil-kuntest ta' proċedura kriminali mibdija fil-konfront tagħha fil-Ġermanja (iktar 'il quddiem l-"ewwel detenzjoni provviżorja"), minħabba fatti li ma humiex relatati mal-kawża prinċipali. Peress li għandha tul massimu ta' sitt xhur, din l-ewwel detenzjoni provviżorja tista' tintemm fi kwalunkwe mument. Min-naħa l-oħra, filwaqt li esprimiet dubji dwar l-awtorità ġudizzjarja emittenti u dwar il-validità tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju ordnat miżura ta' detenzjoni provviżorja oħra, minħabba ċ-ċediment eventwali tal-persuna kkonċernata lill-awtoritajiet Awstrijaki (iktar 'il quddiem it-"tieni detenzjoni provviżorja"). Din it-tieni miżura tidħol fis-seħħ biss wara l-iskadenza tal-ewwel detenzjoni provviżorja u legalment ma tistax teċċedi l-perijodu ta' xahrejn.

25. Mill-elementi kkomunikati mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li, minn naħa, is-sentenza li tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha effett fuq il-perijodu tat-tieni detenzjoni provviżorja u, għalhekk, fuq il-perijodu totali tad-detenzjoni tal-persuna kkonċernata u li, min-naħa l-oħra, jeżisti riskju reali, b'mod partikolari skont il-perijodu tal-ewwel detenzjoni provviżorja u tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-persuna kkonċernata jkollha tingħata l-libertà u li tkun tista' tevadi l-proċeduri kriminali mibdija kontra tagħha, u b'hekk tiġi ostakolata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet Awstrijaki.

26. Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li taqa' fl-oqsma elenkati fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, fil-qasam ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja. L-imsemmi rinviju għalhekk jista' jkun suġġett għall-proċedura għal deċiżjoni preliminari b'urġenza, bis-saħħa tal-Artikolu 107(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kriterju relatat mal-urġenza, għandu jiġi kkonstatat li l-persuna kkonċernata fil-kawża prinċipali hija fil-preżent imċaħħda mil-libertà u li s-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali jista' jkollha rilevanza sinjifikattiva fuq it-tul ta' tali ċaħda [12]. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata għandha tiġi evalwata skont kif tkun fis-seħħ fid-data tal-eżami tat-talba intiża sabiex ir-rinviju preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari [13]. F'dan il-każ, huwa stabbilit li, fid-data tal-eżami tat-talba mressqa mill-qorti tar-rinviju, il-persuna kkonċernata kienet effettivament arrestata u li ż-żamma taħt arrest tagħha kienet tiddependi, b'mod partikolari, mid-deċiżjoni tal-kawża prinċipali [14].

12 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, F (C-168/13 PPU, EU:C:2013:358, punt 31).

13 Ara s-sentenza tat-12 ta' Frar 2019, TC (C-492/18 PPU, EU:C:2019:108, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Ara l-punti 24 u 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

28. Barra minn hekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni r-riskju li l-persuna kkonċernata tingħata l-libertà, liema ħaġa tista' tikkawża preġudizzju, f'dan il-każ, għall-effettività tas-sistema ta' ċediment stabbilita mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u għall-osservanza tal-obbligu li jiġi eżegwit il-mandat ta' arrest Ewropew, obbligu li huwa ċentrali skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [15].

29. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tieni Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-11 ta' Lulju 2019, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, u wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju intiża sabiex tissuġġetta dan ir-rinviju preliminari għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

30. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li din il-kawża taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Fil-fatt, il-fatti allegati jkopru, parzjalment, ksur li jissodisfa l-kriterju ta' kriminalità doppja, imsemmi fl-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni qafas u, min-naħa l-oħra, ksur elenkat fl-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas (peress li dawn il-fatti setgħu jikkostitwixxu serq organizzat jew bl-użu ta' armi) [16].

31. Barra minn hekk, mill-istess talba jirriżulta wkoll li l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Vjenna jissodisfa r-rekwiżiti ta' kontenut u ta' forma msemmija fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

32. Qabel ma nibda l-analiżi tiegħi, għandi nikkjarifika l-portata tad-domanda preliminari.

33. Fir-rinviju għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tistabbilixxi jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Vjenna jikkostitwixxix "awtorità ġudizzjarja emittenti" u jissodisfax ir-rekwiżiti ta' indipendenza, fid-dawl tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża OG u PI, minħabba li, minn naħa, dan l-Uffiċċju tal-Prosekutur jista' jkun suġġett għal struzzjonijiet individwali min-naħa tal-eżekuttiv, iżda li, min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni tiegħu li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew hija *dejjem* suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju *minn qabel* ma jidħol fis-seħħ (jiġifieri stħarriġ *ex ante* li, f'dan il-każ, jieħu l-forma ta' approvazzjoni ġudizzjarja).

34. Fi kliem ieħor, din id-domanda preliminari għalhekk ma tirrigwardax sitwazzjoni li fiha Uffiċċju tal-Prosekutur potenzjalment suġġett għal struzzjonijiet individwali min-naħa tal-eżekuttiv joħroġ mandat ta' arrest Ewropew li jipproduċi l-effetti tiegħu u li minnu l-persuna kkonċernata *tista'* tappella, li jwassal għal stħarriġ ġudizzjarju sussegwenti (stħarriġ *ex post*). Bħall-Kummissjoni, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li tali stħarriġ ġudizzjarju *a posteriori* ma jikkostitwixxix garanzija ta' indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur [17].

15 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Lanigan (C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 37).

16 It-tmintax-il inċiż tal-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tindika li l-persuna kkonċernata wettqet, mill-inqas, attentat ta' serq flimkien ma' kompliċi u bl-użu ta' sikkina sabiex tintimida lil terzi (ara l-punti 4 u 17 ta' dawn il-konklużjonijiet).

17 Sentenza OG u PI (punti 85 sa 87).

Riferimenti għat-tagħlimiet tas-sentenza OG u PI

35. Qabel kollox nirrileva li s-sentenza OG u PI ngħatat abbażi ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa minn żewġ qrati Irlandiżi fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej maħruġa rispettivament, fil-Kawża C-508/18, mill-iStaatsanwaltschaft bei dem Landgericht Lübeck (l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Lübeck, il-Ġermanja) fir-rigward ta' proċeduri kriminali mibdija fir-rigward ta' OG u, fil-Kawża C-82/19 PPU, mill-iStaatsanwaltschaft Zwickau (l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Zwickau, il-Ġermanja) fir-rigward ta' proċeduri kriminali mibdija kontra PI.

36. Il-persuni kkonċernati, OG u PI, kienu sostnew li l-Uffiċċji tal-Prosekutur li kienu ħarġu dawn il-mandati ta' arrest ma kinux "awtoritajiet ġudizzjarji emittenti" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u li, għalhekk, l-imsemmija mandati ma kinux validi.

37. Il-qrati tar-rinviju Irlandiżi staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti", fis-sens tal-imsemmi Artikolu 6(1) tad-deċiżjoni qafas għandux jiġi interpretat fis-sens li jkopri l-Uffiċċji tal-Prosekutur ta' Stat Membru li għandhom kompetenza li jressqu proċeduri kriminali u li għandhom relazzjoni ta' subordinazzjoni fir-rigward ta' organu tal-poter eżekuttiv ta' dan l-Istat Membru, bħal Ministru tal-Ġustizzja, u jistgħu jkunu suġġetti, direttament jew indirettament, għal ordnijiet jew struzzjonijiet individwali min-naħa ta' dan tal-aħħar fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni relatata mal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew.

38. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat risposta negattiva għal din id-domanda.

39. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabel kollox il-prinċipju li jgħid li t-termini "awtorità ġudizzjarja" għandhom jiġu interpretati b'mod awtonomu u uniformi. Barra minn hekk, filwaqt li ċċitat ġurisprudenza preċedenti tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li dawn it-termini "ma jindikawx biss l-imħallfin u l-qrati ta' Stat Membru, iżda għandhom jinftiehmu li jkopru, b'mod iktar wiesa', l-awtoritajiet imsejħa sabiex jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali ta' dan l-Istat Membru, b'mod differenti, b'mod partikolari, mill-ministeri jew mis-servizzi tal-pulizija, li huma taħt l-awtorità tal-poter eżekuttiv" [18].

40. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li awtorità, bħal Uffiċċju tal-Prosekutur, li għandha l-kompetenza, fil-kuntest tal-proċedura kriminali, li tmexxi proċeduri fir-rigward ta' persuna ssuspettata li wettqet reat kriminali sabiex din titressaq quddiem qorti, għandha titqies li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja tal-Istat Membru kkonċernat.

41. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq ir-rekwiżit ta' indipendenza applikabbli għall-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti [19].

42. Wara li fakkret li s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew kienet tinkludi "protezzjoni fuq żewġ livelli" tad-drittijiet proċedurali u tad-drittijiet fundamentali li minnhom għandha tibbenefika l-persuna mfittxija [20], il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-prinċipju stabbilit (b'mod partikolari) fis-sentenza tagħha Kovalkovas [21], li jgħid li t-tieni livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-persuna kkonċernata "jimplika li l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, permezz tad-dritt nazzjonali, sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew għandha, b'mod partikolari, tivverifika l-osservanza tal-kundizzjonijiet

18 Sentenzi tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak, C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punti 33 u 35, u tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas, C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, punti 34 u 36.

19 Ara l-punt 76 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

20 Ara l-punt 67 tas-sentenza OG u PI.

21 Ara s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, punt 47.

neċessarji għal dan il-ħruġ u għandha teżamina l-punt ta' jekk, fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet ta' kull każ, l-imsemmi ħruġ huwiex ta' natura proporzjonata" [22]. B'dan il-mod, dan it-tieni livell ta' protezzjoni jinkludi għalhekk stħarriġ ta' *legalità* u ta' *proporzjonalità* tal-mandat ta' arrest Ewropew hekk maħruġ.

43. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punti 74 u 75 tas-sentenza OG u PI, li għandhom jiġu ċċitati *in extenso*, iddeċidiet li:

"74. […] l-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tkun tista' tagħti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni l-assigurazzjoni li, fid-dawl tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru emittenti, hija qed taġixxi b'mod indipendenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha inerenti fir-rigward tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew. Din l-indipendenza teħtieġ li jkun hemm regoli statutorji u organizzattivi sabiex jiġi żgurat li l-awtorita ġudizzjarja emittenti ma tkunx esposta, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex jinħareġ tali mandat ta' arrest, għal xi riskju li tkun suġġetta b'mod partikolari għal struzzjonijiet individwali mill-poter eżekuttiv.

75. Barra minn hekk, meta d-dritt tal-Istat Membru emittenti jagħti s-setgħa sabiex jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew lil awtorità li, waqt li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja ta' dak l-Istat Membru, ma hijiex fiha nfisha qorti, id-deċiżjoni li jinħareġ mandat ta' arrest bħal dan u, b'mod partikolari, il-proporzjonalità ta' deċiżjoni bħal din għandhom ikunu suġġetti għal rimedju ġudizzjarju, f'dak l-Istat Membru, li jissodisfa bis-sħiħ ir-rekwiżiti inerenti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva."

44. Barra minn hekk, fir-rigward tar-riskju li l-poter eżekuttiv jista' jeżerċita influwenza fuq l-Uffiċċju tal-Prosekutur f'każ individwali, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat ukoll, fil-punti 85 u 87 tas-sentenza tagħha li:

"85. Din il-kunsiderazzjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-fatt li, kif argumenta l-Gvern Ġermaniż waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, id-deċiżjoni tal-Uffiċċji tal-Prosekutur, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li joħroġ mandat ta' arrest Ewropew jista' jkun suġġett għal rimedju mill-persuna kkonċernata quddiem il-qrati Ġermaniżi kompetenti.

[…]

87. Fil-fatt, jekk tali rimedju jagħmilha possibbli li jiġi żgurat li l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur jiġi suġġett għall-possibbiltà ta' stħarriġ ġudizzjarju *a posteriori*, eventwali struzzjoni individwali mill-Ministru għall-Ġustizzja fir-rigward tal-Uffiċċji tal-Prosekutur meta joħroġ il-mandat ta' arrest Ewropew tibqa', fi kwalunkwe każ, permessa mil-liġi Ġermaniża."

45. Dawn id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja huma rrepetuti fis-sentenza PF [23], mogħtija fl-istess jum bħas-sentenza OG u PI u li min-naħa tagħha tirrigwarda l-indipendenza tal-Prokuratur Ġenerali tal-Litwanja. Hawnhekk nosserva li l-punti 52 u 53 tas-sentenza PF huma identiċi għall-punti 74 u 75 tas-sentenza OG u PI.

22 Ara l-punt 71 tas-sentenza OG u PI.

23 Sentenza tas-27 ta' Mejju 2019 (Prokuratur Ġenerali tal-Litwanja) (C-509/18, EU:C:2019:457).

46. Għalkemm, fl-imsemmija sentenza OG u PI, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Uffiċċji tal-Prosekutur Ġermaniżi ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżit ta' indipendenza msemmi iktar 'il fuq, din, għall-kuntrarju, ikkunsidrat, fis-sentenza PF, li l-Prokuratur Litwan kien jaġixxi mingħajr influwenza esterna u li l-istatus kostituzzjonali tiegħu kien tali li jiżgura "mhux biss [...] l-oġġettività tal-missjoni tiegħu", iżda wkoll garanzija ta' indipendenza mill-poter eżekuttiv meta jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew [24].

47. Issa, dawn ir-riferimenti li jirriżultaw minn din il-ġurisprudenza għandhom jiġu applikati fil-kuntest ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

L-awtorità ġudizzjarja emittenti f'dan il-każ fid-dawl tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584

48. Organu nazzjonali bħall-Uffiċċju tal-Prosekutur Awstrijak jikkostitwixxi awtorità ġudizzjarja fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584?

49. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-partijiet u s-sottomissjonijiet tagħhom waqt is-seduta, huwa stabbilit li l-fatt li l-imsemmi Uffiċċju tal-Prosekutur jista' jiġi suġġett għal struzzjonijiet individwali min-naħa tal-poter eżekuttiv ma jostakolax il-ħruġ validu ta' mandat ta' arrest Ewropew, sa fejn dan ikun suġġett għal approvazzjoni minn qabel u sistematika minn qorti [25]. F'dan ir-rigward, nirrileva li fid-dritt Awstrijak, il-mandat ta' arrest Ewropew ma jistax ikollu effetti ġuridiċi ħlief b'effett mill-imsemmija approvazzjoni tiegħu. Mandat ta' arrest Ewropew li ma jkollux approvazzjoni (wara rifjut tal-qorti adita) jibqa' ineffettiv.

50. Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li dan l-Uffiċċju tal-Prosekutur jikkostitwixxi awtorità li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali [26], inkwantu l-imsemmi Uffiċċju tal-Prosekutur għandu l-kompetenza, fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, li jibda proċeduri kontra persuna ssuspettata li wettqet reat kriminali sabiex din titressaq quddiem qorti [27].

51. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mid-digriet tar-rinviju, iżda wkoll mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tal-Gvern Awstrijak, fid-dritt kriminali Awstrijak, l-akkuża ssir mill-Uffiċċju tal-Prosekutur, li b'hekk għandu jiġbor minn qabel l-informazzjoni meħtieġa. L-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu rwol ta' gwida fil-kuntest tal-proċedura ta' informazzjoni dwar il-kawża kriminali. L-Uffiċċju tal-Prosekutur jirrapporta dwar il-progress tal-proċedura ta' informazzjoni u jżomm il-fajl dwar il-kawża kriminali. F'dan il-kuntest, l-imsemmi Uffiċċju tal-Prosekutur jista' jagħti ordnijiet lill-pulizija kriminali inkarigata mill-investigazzjonijiet jew – jekk dan ikun iktar effettiv – iwettaq hu stess id-doveri ta' investigazzjoni.

52. Fil-kuntest tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew waqt il-proċedura ta' informazzjoni dwar il-kawża kriminali (qabel ma jiġi evalwat), l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu *jordna* l-arrest, suġġett għall-approvazzjoni ġudizzjarja msemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 29(1) tal-EU-JZG (din hija suġġetta għal appell, skont l-Artikolu 87(1) tas-StPO, diversament mid-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur bħala tali).

24 Sentenza tas-27 ta' Mejju 2019 (Prokuratur Ġenerali tal-Litwanja) (C-509/18, EU:C:2019:457, punti 55 u 56). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx dwar jekk id-deċiżjonijiet meħuda mill-Prokuratur Litwan fir-rigward ta' mandat ta' arrest Ewropew setgħux ikunu suġġett ta' appell li jissodisfa b'mod sħiħ ir-rekwiżiti inerenti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva: il-Qorti tal-Ġustizzja stiednet lill-qorti tar-rinviju sabiex tivverifika dan il-punt.

25 Barra minn hekk, il-Kummissjoni żżid li l-imsemmija qorti għandha tipproċedi b'verifika tal-kundizzjonijiet tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew u tal-proporzjonalità tiegħu.

26 Fis-sens imsemmi fis-sentenzi tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak, C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punti 33 u 35; tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas, C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, punti 34 u 36; kif ukoll is-sentenza OG u PI (punt 50).

27 Ara s-sentenza OG u PI (punt 60).

53. B'dan il-mod, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Awstrijak *jista'* jassumi r-rwol ta' awtorità ġudizzjarja emittenti, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, sakemm il-kriterju ta' indipendenza indikat fis-sentenza OG u PI jiġi ssodisfatt. Ser nerġa' nirreferi għal dan il-punt iktar tard f'dawn il-konklużjonijiet[28].

54. Madankollu, qabel ma nipproċedi bl-eżami tal-garanziji ta' indipendenza fil-kuntest tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew mill-imsemmi Uffiċċju tal-Prosekutur, għandu jiġi kkjarifikat il-punt segwenti. Kuntrarjament għal dak li l-Gvern Awstrijak u dak Ġermaniż, kif ukoll il-Kummissjoni, jidher li ddikjaraw meta rreferew għas-sentenza Özçelik[29], jidhirli li l-qorti inkarigata mill-approvazzjoni ġudizzjarja tal-mandat ta' arrest Ewropew ma tistax tiġi kklassifikata bħala l-awtur effettiv tal-imsemmi mandat b'assimilazzjoni, u dan għal tliet raġunijiet.

55. L-ewwel nett, nirrileva li l-proċedura ta' kontestazzjoni tal-kawża Özçelik kienet tirrigwarda mandat ta' arrest nazzjonali maħruġ minn *servizz tal-pulizija* Ungeriża u "vvalidat" mill-Uffiċċju tal-Prosekutur. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Uffiċċju tal-Prosekutur kien ivvalida l-mandat ta' arrest maħruġ mis-servizz tal-pulizija msemmi kienet tikkostitwixxi l-bażi tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ f'dan il-kuntest. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-validazzjoni, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur, tal-mandat ta' arrest maħruġ minn dan is-servizz tal-pulizija kien att ġuridiku li permezz tiegħu l-Uffiċċju tal-Prosekutur *jistħarreġ u jikkonferma* dan il-mandat ta' arrest. Wara din il-validazzjoni, li tinsab fil-mandat ta' arrest Ewropew, l-Uffiċċju tal-Prosekutur kellu jitqies bħala l-entità responsabbli mill-ħruġ tal-mandat ta' arrest nazzjonali b'assimilazzjoni.

56. B'dan il-mod, għandu jiġi osservat li, kuntrarjament għall-Uffiċċju tal-Prosekutur, tali servizz tal-pulizija ma seta' qatt jiġi kklassifikat bħala awtorità *ġudizzjarja*, inkwantu jaqa' bħala struttura taħt l-eżekuttiv[30]. Huwa preċiżament għal din ir-raġuni li l-Uffiċċju tal-Prosekutur jikkostitwixxi, permezz tal-mekkaniżmu tal-validazzjoni, l-unika awtorità *ġudizzjarja* li tista' toħroġ b'mod validu mandat ta' arrest Ewropew skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

57. F'dan il-każ, kif irrilevajt preċedentement fil-punt 53 iktar 'il fuq, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Awstrijak jista' jikkostitwixxi awtorità li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali, awtorizzata b'hekk li toħroġ mandat ta' arrest Ewropew. *Ipso facto*, is-sitwazzjoni ta' tali Uffiċċju tal-Prosekutur ma hijiex paragunabbli ma' dik tas-servizz tal-pulizija kkontestata fil-kawża Özçelik.

58. It-tieni nett, għandu jiġi osservat li, fis-sistema proċedurali stabbilita mil-leġiżlatur Awstrijak, teżisti distinzjoni ċara ħafna bejn il-fażi ta' informazzjoni dwar il-kawża kriminali (qabel ma tiġi eżaminata), li fil-kuntest tagħha l-Uffiċċju tal-Prosekutur jeżerċita funzjoni ta' gwida sabiex jiġbor il-provi kollha neċessarji, u l-proċedura prinċipali, li fiha t-tmexxija tal-proċess taqa' fuq il-qorti adita (li, b'dan il-mod, hija awtorizzata tordna arrest permezz tal-mandat ta' arrest Ewropew, jekk ikun il-każ fuq proposta tal-Uffiċċju tal-Prosekutur).

59. Matul il-fażi tal-informazzjoni, l-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-qorti inkarigata mill-approvazzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew jeżerċitaw prerogattivi ta' natura differenti. L-inizjattiva tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest taqa' fuq l-Uffiċċju tal-Prosekutur (li jordna l-arrest, skont l-Artikolu 171 tas-StPO). B'dan il-mod, huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur li "jiġġestixxi l-proċedura"[31] u li jistabbilixxi b'mod partikolari l-opportunità ta' tali miżura[32]. F'dan il-kuntest, ir-rwol tal-qorti essenzjalment huwa

28 Ara l-punti 67 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

29 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Özçelik (C-453/16 PPU, EU:C:2016:860).

30 Ara s-sentenza OG u PI (punt 50), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ssemmi l-"ministeri jew [is]-servizzi tal-pulizija, li huma taħt l-awtorità tal-poter eżekuttiv". Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Özçelik (C-453/16 PPU, EU:C:2016:860, punt 32).

31 Hawnhekk qed nirreferi għat-terminoloġija użata mill-Gvern Awstrijak fis-sottomissjoni tiegħu.

32 Dan il-punt ġie kkonfermat ukoll mill-Gvern Awstrijak waqt is-seduta. L-Uffiċċju tal-Prosekutur imexxi l-investigazzjoni u qiegħed fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiddeċiedi dwar l-opportunità tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew.

li teżamina l-legalità u l-proporzjonalità tad-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċċju tal-Prosekutur (fil-prattika miġbura f'formola), skont l-Artikolu 5(1) u (2) tas-StPO. F'dan il-kuntest, il-qorti hija mitluba teżamina l-fajl komplet li jkun ġie mgħoddi lilha (l-imsemmi fajl ikun fih kopja tal-ordnijiet indirizzati lill-Uffiċċju tal-Prosekutur minn entitajiet superjuri bħall-poter eżekuttiv). *Jekk tħoss li jkun neċessarju*, il-qorti *tista'* tordna jew twettaq doveri ta' investigazzjoni supplimentari f'dan il-kuntest. Jekk, wara dan l-istħarriġ, il-qorti tagħti l-approvazzjoni tagħha, din tkun fil-forma ta' sempliċi sentenza, miżjuda fil-formola. L-approvazzjoni *ma hijiex* akkumpanjata minn ordni mogħtija lill-Uffiċċju tal-Prosekutur dwar l-eżekuzzjoni tal-miżura kkonċernata: il-qorti sempliċement tistabbilixxi terminu ta' validità tal-approvazzjoni (li jekk ma jiġix osservat iwassal għan-nullità tal-miżura inkwistjoni). Meta tingħata din l-approvazzjoni, huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur li għandu *jiffirma* l-mandat ta' arrest Ewropew, u li għandu jimplimenta u jibgħat dan l-istess mandat lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur jista', pereżempju, jiddeċiedi li ma jipproċedix bl-implimentazzjoni jew bit-trażmissjoni tal-mandat hekk approvat.

60. Kif spjega l-Gvern Awstrijak fil-kuntest tal-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tiegħu, it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-qorti jirriżulta minn riforma tad-dritt kriminali Awstrijak li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008. Wara din ir-riforma, il-funzjoni preċedentement eżerċitata mill-qrati istruttorji ngħatat lill-Uffiċċju tal-Prosekutur – b'dan it-trasferiment ta' poter jiġi kkontrobilanċjat permezz tal-introduzzjoni ta' superviżjoni ġudizzjarja (l-approvazzjoni).

61. Finalment, it-tielet nett, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 6(3) tal-imsemmija Deċiżjoni Qafas 2002/584, kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill dwar l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, skont id-dritt nazzjonali tiegħu, sabiex jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew. Jidher li fit-28 ta' Jannar 2008 (ara d-dokument tal-Kunsill Nru 5711/08), ir-Repubblika tal-Awstrija ddikjarat li l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni kienet *l-Uffiċċju tal-Prosekutur*[33] tal-post jew *Landesgericht* (qorti reġjonali) fis-sede tagħha.

62. Waqt is-seduta, il-partijiet staqsew b'mod partikolari dwar il-possibbiltà tal-eżistenza ta' awtorità ta' ħruġ "doppja" fis-sistema Awstrijaka, komposta mill-Uffiċċju tal-Prosekutur *u* mill-qorti (li jimplika li l-informazzjoni kkomunikata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill mir-Repubblika tal-Awstrija kienet parzjalment skorretta). Dan iqajjem ukoll il-kwistjoni dwar jekk id-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li ssemmi lill-awtorità kompetenti *fis-singular*, taċċettax tali struttura binarja jew kumplessa, li tista' tnaqqas ir-responsabbiltà tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew.

63. Fil-fehma tiegħi, għandha tintuża l-informazzjoni mibgħuta lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill mill-Gvern Awstrijak. Fil-fatt, huwa l-Istat Membru kkonċernat li huwa kompetenti sabiex jinnomina – skont l-Artikolu 6(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 – l-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali tiegħu. Jidhirli li la għandha tkun il-Qorti tal-Ġustizzja, li tiddeċiedi b'mod preliminari, u lanqas l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li jikkompletaw jew jikkoreġu informazzjoni debitament innotifikata lill-Kunsill mill-Istat Membru emittenti u li jiddeċiedu b'dan il-mod dwar l-istruttura (potenzjalment) binarja jew kumplessa tal-imsemmija awtorità emittenti.

64. Fil-fehma tiegħi, għal dawn ir-raġunijiet kollha, jidhirli li huwa kemxejn artifiċjali li jitqies li l-qorti – li tintervjeni biss iktar tard, sa fejn il-gwida tal-fażi ta' informazzjoni kriminali taqa' fuq l-Uffiċċju tal-Prosekutur – titqies bħala l-awtur tal-mandat ta' arrest Ewropew. Il-fatt li l-appell ippreżentat, jekk ikun il-każ, mill-persuna kkonċernata jirrigwarda l-approvazzjoni ġudizzjarja (u mhux id-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur *stricto sensu*) ma jidhirlix li għandu effett f'dan ir-rigward. Kuntrarjament

33 Waqt is-seduta, il-partijiet spjegaw li din in-notifika kienet tirreferi b'mod partikolari għar-riforma li ssemmiet fil-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet – riforma li ttrasferixxiet il-kompetenzi tal-qrati istruttorji lill-Uffiċċju tal-Prosekutur. Ara wkoll "Statement by the Republic of Austria pursuant to Article 6 of Council Framework Decision 2002/584/JHA of 13 June 2002 on the European arrest warrant and the surrender procedures between Member States, Annex to Council of the European Union, Council Framework Decision 2002/584/JHA on the European arrest warrant and the surrender procedures between Member States – Statement by the Republic of Austria on a change in the competent Authorities, Brussels, 5711/08, 28 January 2008".

għall-pożizzjoni difiża mill-Kummissjoni waqt is-seduta, nikkunsidra li l-Uffiċċju tal-Prosekutur jibqa' l-awtur tal-mandat anki jekk, b'xi mod, ir-responsabbiltà ta' din id-deċiżjoni hija maqsuma mal-qorti li tagħti l-kunsens tagħha għall-implimentazzjoni tagħha u li d-deċiżjoni tagħha tista' tkun appellata abbażi ta' dan.

65. Għalhekk, ma naqbilx mal-perspettiva tal-Gvern Awstrijak, li tgħid li l-approvazzjoni ġudizzjarja tippermetti li l-qorti tiġi assimilata mal-awtur tal-mandat ta' arrest nazzjonali jew Ewropew.

66. Fil-fehma tiegħi, l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa għalhekk tabilħaqq l-awtorità li *toħroġ* il-mandat ta' arrest Ewropew fis-sistema kriminali Awstrijaka. Għalhekk għandha tiġi eżaminata l-pożizzjoni tiegħu u, b'mod partikolari, l-indipendenza tiegħu, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-mekkaniżmu ta' approvazzjoni ġudizzjarja stabbilit bl-ewwel sentenza tal-Artikolu 29(1) tal-EU-JZG.

Ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti

67. Kif irrilevajt iktar 'il fuq, fis-sentenza tagħha OG u PI, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew tinkludi protezzjoni tad-drittijiet proċedurali u tad-drittijiet fundamentali li għandha tibbenefika minnhom il-persuna mfittxija fuq żewġ livelli. Din il-persuna għandha tibbenefika minn protezzjoni ġudizzjarja, fl-ewwel lok, waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni nazzjonali, bħal mandat ta' arrest nazzjonali, u fit-tieni lok, waqt il-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew [34].

68. Fil-qalba tal-kawża inkwistjoni tqum il-kwistjoni dwar jekk is-sistema Awstrijaka tistax tiggarantixxi d-drittijiet tal-persuna kkonċernata b'mod indipendenti, fid-dawl tar-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Il-kunċett ta' indipendenza fis-sistema Awstrijaka fid-dawl tal-kawża OG u PI

69. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[h]ija, fil-fatt, l-'awtorità ġudizzjarja emittenti', imsemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jiġifieri l-entità li finalment tieħu d-deċiżjoni li jinħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew, li għandha r-responsabbiltà li tiżgura dan it-tieni livell ta' protezzjoni, anki meta l-mandat ta' arrest Ewropew huwa bbażat fuq deċiżjoni nazzjonali mogħtija minn imħallef jew qorti". B'hekk l-"awtorità ġudizzjarja emittenti" għandha tkun indipendenti, li jfisser li ma tistax "[...] tkun esposta għar-riskju li s-setgħa deċiżjonali tagħha tista' tkun suġġetta għal ordnijiet jew struzzjonijiet esterni, b'mod partikolari mill-poter eżekuttiv, sabiex ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li d-deċiżjoni li jinħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew tkun ta' dik l-awtorità u mhux, finalment, ta' dak il-poter" [35].

70. Kif indikajt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan il-kunċett ta' "indipendenza" huwa essenzjalment ibbażat fuq żewġ elementi. L-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tagħti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni l-assigurazzjoni li, fi ħdan l-Istat Membru li hija topera fih, jeżistu regoli statutorji u organizzattivi li huma xierqa sabiex jiġi żgurat li l-imsemmija awtorità ġudizzjarja emittenti ma tkunx esposta, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex jinħareġ tali mandat ta' arrest, għal xi riskju li tkun suġġetta b'mod partikolari għal struzzjonijiet individwali mill-poter eżekuttiv. Barra minn hekk, meta l-awtorità ġudizzjarja emittenti tkun organu li ma jikkostitwixxix qorti (bħal

34 Ara l-punt 67 tas-sentenza OG u PI. Ara wkoll il-punt 42 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.
35 Sentenza OG u PI (punti 72 u 73).

Uffiċċju tal-Prosekutur, bħal f'dan il-każ), id-deċiżjoni li jinħareġ mandat ta' arrest u, b'mod partikolari, in-natura proporzjonali ta' tali deċiżjoni għandhom ikunu jistgħu jiġu ssuġġettati, f'dak l-Istat Membru, għal rimedju ġudizzjarju li jissodisfa bis-sħiħ ir-rekwiżiti inerenti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva [36].

71. Id-diskussjonijiet waqt is-seduta ppermettew li jiġi stabbilit li s-sistema Awstrijaka ta' approvazzjoni ġudizzjarja tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur dwar il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew hija atipika meta mqabbla mas-sistemi fis-seħħ fi ħdan Stati Membri oħra. Madankollu, nikkunsidra li tali sistema nazzjonali hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [37].

72. Skont l-informazzjoni li tinsab fid-digriet tar-rinviju, id-dispożizzjonijiet legali rilevanti fid-dritt Awstrijak jipprevedu li, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju li jsir fid-dawl tal-approvazzjoni, il-qorti adita għandha teżamina jekk id-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tissodisfax ir-rekwiżiti legali, u dan anki fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, u jekk l-imsemmija deċiżjoni hijiex proporzjonali [38], filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali ta' din id-deċiżjoni [39]. Barra minn hekk, il-persuna mfittxija għandha d-dritt li tappella kontra l-approvazzjoni fiha nnifisha [40].

73. Jidhirli li f'dan il-każ, fid-dawl tal-punti inklużi fid-digriet tar-rinviju, kif ukoll fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tal-Gvern Awstrijak, tali sistema nazzjonali (inkluża, b'mod partikolari, il-proċedura ta' approvazzjoni) hija tali li tiżgura eżami rigoruż tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur mill-qorti adita. L-għan ta' dan l-istħarriġ ġudizzjarju huwa li tiġi vverifikata l-konformità tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew meta mqabbla mar-rekwiżiti legali applikabbli, inkluż mill-perspettiva tal-proporzjonalità. Fil-fehma tiegħi, l-għan tal-istħarriġ mill-qorti ma huwiex li tiġi vverifikata l-eżistenza ta' istruzzjonijiet mogħtija lill-Uffiċċju tal-Prosekutur mill-poter eżekuttiv f'każ partikolari (minkejja li, skont il-Gvern Awstrijak, tali istruzzjonijiet għandhom isiru bil-miktub u għandhom ikunu inklużi fil-fajl dwar il-kawża kriminali, li jintbagħat lill-qorti tal-approvazzjoni) [41]. Id-differenza hija sottili, iżda importanti. Fl-opinjoni tiegħi, qabel kollox, l-istħarriġ ġudizzjarju magħmul għandu jippermetti lill-qorti adita tikkonstata l-osservanza globali tal-kundizzjonijiet ta' legalità. Is-sistema inkwistjoni għandha tiżgura li l-awtorità ġudizzjarja kkonċernata tkun ħarġet il-mandat ta' arrest Ewropew b'mod konformi mal-liġi. Għalhekk, tali sistema għandha tippermetti li jiġu eliminati l-konsegwenzi illeċiti tal-poter ta' inġunzjoni li jgawdi minnu l-eżekuttiv, billi tiġi prekluża l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet illegali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, bis-saħħa tal-istħarriġ minn qabel tal-qorti [42].

74. Inqis li tali sistema tiżgura l-osservanza tal-pedament li fuqu hija bbażata s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew stabbilita bid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jiġifieri l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fil-kuntest tal-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam kriminali [43].

75. Sabiex inkun eżawrjenti, inżid li kieku kellu jkun hemm riskju li l-Uffiċċju tal-Prosekutur jirċievi ordnijiet mingħand il-poter eżekuttiv *wara* l-approvazzjoni u li jkunu jirrigwardaw l-implimentazzjoni u t-trażmissjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni (mill-bqija, dan ir-riskju bl-ebda mod ma ġie stabbilit f'dan il-każ), huma l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li jkollhom jeżaminaw din il-kwistjoni u jisiltu, jekk applikabbli, il-konsegwenzi. F'kull każ,

36 Sentenza OG u PI (punti 74 u 75).
37 Ara l-punt 66 ta' dawn il-konklużjonijiet.
38 Ara l-punt 66 ta' dawn il-konklużjonijiet.
39 Ara l-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.
40 Ara l-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet.
41 Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet, bħala eżempju, għall-istruzzjonijiet individwali min-naħa tal-poter eżekuttiv (ara s-sentenza OG u PI, punt 74).
42 Ara l-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet.
43 Ara l-premessa 10 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

nosserva li tali riskju jista' jeżisti f'kull sistema oħra ta' ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew u li qabel kollox, *in-nuqqas* ta' implimentazzjoni u ta' trażmissjoni, mill-awtoritajiet tal-Istat Membru *emittenti*, tal-mandat ta' arrest lanqas ma huwa tali li jippreġudika d-drittijiet tal-persuna mfittxija – dan huwa madankollu s-suġġett tal-analiżi tiegħi f'dan il-każ.

Il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza OG u PI

76. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 74 u 75 tas-sentenza OG u PI għandhomx jinqraw b'mod kumulattiv jew alternattiv.

77. Il-Gvern Ġermaniż isostni li kemm il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza OG u PI fir-rigward tal-Uffiċċji tal-Prosekutur Ġermaniżi kif ukoll il-kontenut tal-punti 74 u 75 tal-imsemmija sentenza (li jinkludu t-termini "*barra minn hekk*") jimmilitaw favur qari kumulattiv ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet. Min-naħa tiegħu, il-Gvern tal-Awstrija jqis li ma hemmx lok li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar ir-relazzjoni bejn il-punti 74 u 75 tas-sentenza OG u PI minħabba li, f'dan il-każ, hija l-qorti inkarigata mill-approvazzjoni tal-mandat ta' arrest li għandha tinżamm responsabbli mill-ħruġ tiegħu, biex b'hekk din il-kwistjoni ma tibqax rilevanti. Il-Kummissjoni finalment tqis li dawn huma żewġ kwistjonijiet distinti, li ma għandhomx jitqiesu bħala kumulattivi jew alternattivi bejniethom, iżda li, għall-kuntrarju, għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji u r-rekwiżiti proprji tagħhom. Skont il-Kummissjoni, dawn huma rekwiżiti legali applikabbli, minn naħa, għall-ħruġ validu ta' mandat ta' arrest Ewropew u, min-naħa l-oħra, għall-protezzjoni legali kontra l-mandati ta' arrest Ewropej hekk maħruġa.

78. Qabel kollox, inqis li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandna nipproċedu bl-analiżi billi jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm it-termini tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 kif ukoll il-kuntest li jaqa' fih u l-għan intiż minn din id-deċiżjoni qafas[44]. Barra minn hekk, nirrileva li, fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 267 TFUE, meta tinterpreta d-dritt tal-Unjoni, fil-kuntest konkret ta' kawża pendenti quddiem qorti nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tillimita ruħha sabiex tiddeduċi mit-termini u mill-ispirtu tiegħu t-tifsira tar-regoli stabbiliti minnu, peress li l-applikazzjoni għall-każ inkwistjoni tar-regoli hekk interpretati hija rriżervata għall-qorti nazzjonali[45].

79. B'hekk, f'dan il-każ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u tagħti lill-qorti tar-rinviju l-kriterji ta' analiżi neċessarji sabiex tistabbilixxi li s-sistema nazzjonali kkontestata hija konformi mar-rekwiżiti tal-imsemmija deċiżjoni qafas. Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tikkjarifika r-regoli ta' verifika indikati mill-Awla Manja fis-sentenza OG u PI. B'dan il-mod, ma hijiex kwistjoni li jiġu imposti rekwiżiti *addizzjonali* meta mqabbla mad-dispożizzjoni kkonċernata, iżda li jiġu ċċarati r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-kunċett stess ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti".

80. Fil-fehma tiegħi, iż-*żewġ* kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 74 u 75 tas-sentenza OG u PI huma rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat mill-qorti li tapprova d-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur. Naqbel mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li ma jidhirx li huwa adattat li dawn il-kundizzjonijiet jiġu kklassifikati bħala "alternattivi" jew "kumulattivi", inkwantu jirrigwardaw suġġett differenti u għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji u r-rekwiżiti tagħhom stess. Għalhekk, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja wriet b'hekk *żewġ stadji neċessarji* fl-evalwazzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur.

44 Sentenza OG u PI (punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Ara, *mutatis mutandis*, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 1963, Da Costa *et*, 28/62 sa 30/62, EU:C:1963:6, paġna 76.

81. B'hekk, mingħajr verifika tal-garanziji li jaffettwaw l-indipendenza tal-awtorità awtorizzata sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew fis-sistema legali tal-Istat Membru emittenti, kif ukoll dwar il-proporzjonalità tal-mandat ta' arrest Ewropew ikkonċernat, dan tal-aħħar ma jibqagħlux effetti legali.

Il-garanziji

82. Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li hija l-awtorità ġudizzjarja emittenti li għandha tistabbilixxi l-osservanza tar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fi ħdan l-Istat Membru emittenti. Naqbel perfettament mal-approċċ adottat mill-mibki kollega u ħabib tiegħi, l-Avukat Ġenerali Bot, li enfasizza, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Bob-Dogi, li:

"Fil-fehma tiegħi, it-termini drastiċi tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew jippreżupponu, bħala kontroparti, l-eżistenza ta' garanziji proċedurali konkreti u effettivi tad-drittijiet tad-difiża fl-Istat Membru emittenti tal-mandat ta' arrest Ewropew, li mingħajrhom jinkiser il-bilanċ indispensabbli, inerenti għall-istabbiliment ta' spazju ġudizzjarju Ewropew, bejn l-eżiġenzi tal-effettività tal-ġustizzja kriminali u l-imperattivi tas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali." [46]

83. Għalhekk, kull sistema nazzjonali għandha tkun tista' tippreżenta garanziji proċedurali li huma kompletament konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [47]. Dan jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li l-mandat ta' arrest Ewropew huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku [48]. Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jikkostitwixxi, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-"bażi" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji kriminali, huwa applikat fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, li konformement miegħu l-Istati Membri huma bħala prinċipju obbligati li jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew [49].

84. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' proporzjonalità skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għandu jiġi osservat li l-ewwel wieħed ikopri d-drittijiet fundamentali tal-persuna mfittxija [50]. It-tieni wieħed huwa intiż sabiex jiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri ma jipproċedux kontra l-imsemmija persuna għal reati minuri [51]. Fir-rigward ta' dan it-tieni rekwiżit, huwa komunement stabbilit li l-kwistjoni tal-istħarriġ tal-proporzjonalità hija waħda mid-diffikultajiet ewlenin li tinsab fis-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew sa minn meta bdiet tiġi applikata. Issa, minn wara s-sentenza OG u PI, huwa ċar li l-istħarriġ tal-proporzjonalità jikkostitwixxi rekwiżit fundamentali [52].

85. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà indikat ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' proporzjonalità li għandhom jiġu applikati meta Stat Membru emittenti jagħti l-kompetenza tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew lil awtorità li, filwaqt li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja ta' dan l-Istat Membru, ma hijiex fiha nnifisha qorti (bħal f'dan il-każ), fid-dawl tal-għanijiet u tal-istruttura tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [53].

46 C-241/15, EU:C:2016:131, punt 55.

47 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 6 (dritt għal-libertà u għas-sigurtà) u l-Artikolu 47 (dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali) tal-Karta.

48 Sentenza OG u PI (punti 43 sa 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Ara s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Özçelik, C-453/16 PPU, EU:C:2016:860, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata.

50 Ara l-premessa 12 u l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

51 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Bob-Dogi, C-241/15, EU:C:2016:131, punti 77 sa 83.

52 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Radu (C-396/11, EU:C:2012:648), punt 60.

53 Ara l-premessa 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584; is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas (C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, punt 47); u s-sentenza OG u PI (punt 71).

86. Fil-fehma tiegħi, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega r-regoli ta' referenza li għandhom jiġu segwiti f'dan ir-rigward, ikun iktar sempliċi li tiġi deċiża l-kwistjoni dwar jekk awtorità nazzjonali awtorizzata sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. F'dan ir-rigward, nenfasizza li huwa imperattiv li jiġu previsti garanziji proċedurali fl-istadju tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew.

87. Fil-fehma tiegħi, meta l-ordni ġuridiku ta' Stat Membru emittenti jammetti li d-deċiżjoni tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew tittieħed minn awtorità li ma hijiex fiha nnifisha qorti, iżda jitlob li l-imsemmija deċiżjoni tkun approvata minn qorti, huwa importanti ħafna li l-Istat imsemmi jkun f'pożizzjoni li juri li l-istħarriġ ġudizzjarju stabbilit b'dan il-mod ma huwiex sempliċement l-għoti ta' "*nihil obstat*", mingħajr ma jsir verament eżami dwar id-deċiżjoni ta' organu bħal Uffiċċju tal-Prosekutur.

88. Inżid li, meta l-awtorità ġudizzjarja li tkun ħadet id-deċiżjoni li toħroġ il-mandat ta' arrest Ewropew tkun Uffiċċju tal-Prosekutur li jista' jkun suġġett għal ordnijiet b'mod partikolari tal-poter eżekuttiv (bħal f'dan il-każ), huwa neċessarju li l-approvazzjoni ġudizzjarja ta' tali deċiżjoni tingħata *qabel* ma dan il-mandat ta' arrest jipproduċi effetti ġudizzjarji.

89. Finalment, peress li l-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew huwa tali li jippreġudika d-dritt ta' libertà tal-persuna kkonċernata, protett bl-Artikolu 6 tal-Karta, jidhirli li s-sistema nazzjonali ta' approvazzjoni għandha tippermetti lill-persuna mfittxija li jkollha dritt għal smigħ quddiem qorti sabiex tikkontesta l-validità ta' din id-deċiżjoni skont l-Artikolu 47 tal-Karta.

Applikazzjoni f'dan il-każ

90. X'inhu l-effett tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża OG u PI fuq il-kawża prinċipali?

91. Fil-fehma tiegħi, is-sistema Awstrijaka hija differenti b'mod ċar mis-sistema Ġermaniża li minnha oriġinat is-sentenza msemmija, u dan fir-rigward ta' punti essenzjali [54].

92. Ċertament, l-Uffiċċji tal-Prosekutur huma suġġetti għall-poter eżekuttiv fil-ġerarkija tas-sistema Awstrijaka. Fil-fatt, skont l-informazzjoni mogħtija fid-digriet tar-rinviju, l-Uffiċċji tal-Prosekutur jirrispondu direttament lill-Uffiċċji tal-Prosekutur Ġenerali u huma suġġetti għall-ordnijiet tagħhom; l-Uffiċċji tal-Prosekutur Ġenerali u l-Prosekutur Ġenerali, min-naħa tagħhom, huma suġġetti direttament għall-Ministru Federali tal-Ġustizzja.

93. Madankollu, hekk kif irrilevat il-qorti tar-rinviju stess, il-proċedura ta' ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew fl-Awstrija hija differenti miċ-ċirkustanzi li wasslu għas-sentenza OG u PI. Fl-ewwel lok, is-sistema Awstrijaka tipprevedi approvazzjoni ġudizzjarja tal-mandat ta' arrest Ewropew (approvazzjoni li effettivament seħħet f'dan il-każ). It-tieni nett, din l-approvazzjoni ġudizzjarja timplika l-verifika tal-osservanza tal-kriterji ta' legalità u ta' proporzjonalità (skont l-Artikolu 5(1) u (2) tas-StPO). It-tielet nett, il-proċedura ta' approvazzjoni ġudizzjarja hija rregolata mil-liġi; jekk ikunu meħtieġa xi investigazzjonijiet kumplimentari sabiex tingħata l-approvazzjoni lill-mandat ta' arrest, il-qorti adita tista' tordna lill-pulizija kriminali sabiex twettaqhom jew tagħmilhom hi *ex officio* [55]. Finalment, fir-raba' lok, l-approvazzjoni tista' tkun suġġetta għal rimedju ġudizzjarju, bis-saħħa tal-Artikolu 87(1) tas-StPO [56]. Inqis li tali rimedju huwa element li jissodisfa b'mod sħiħ ir-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

54 Ara l-punti 58 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.
55 Ara l-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.
56 Ara l-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet.

94. Barra minn hekk, ninnota li l-approvazzjoni ġudizzjarja tingħata qabel ma d-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tipproduċi l-effetti tagħha.

95. Fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija fid-digriet tar-rinviju, fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tal-Gvern Awstrijak, kif ukoll fir-risposti ta' dan tal-aħħar għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja waqt is-seduta, jidhirli li skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka, il-qrati nazzjonali huma obbligati jipproċedu b'eżami ddettaljat u rigoruż ta' kull mandat li jiġu aditi bih u tal-fajl dwar reat kriminali relatat miegħu. F'dan l-istħarriġ ġudizzjarju, il-kriterji ta' legalità u ta' proporzjonalità għandhom jiġu osservati.

96. Peress li s-sistema stabbilita bid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija bbażata fuq livell għoli ta' fiduċja bejn l-Istati Membri, liema ħaġa timplika preżunzjoni ta' rispett, minn kull Stat Membru, tad-drittijiet protetti bil-Karta, jidhirli li, *mingħajr prova kuntrarja stabbilita debitament*, ma tistax tiġi kkontestata l-konformità mal-Karta u mal-imsemmija deċiżjoni qafas ta' sistema legali bħal dik f'din il-kawża, li tissuġġetta l-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew mill-Uffiċċju tal-Prosekutur għal stħarriġ ġudizzjarju *minn qabel*. Il-konfutazzjoni ta' din il-preżunzjoni ma tistax tkun iġġustifikata ħlief fir-rigward ta' elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament konkretizzati li jirrigwardaw il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja fl-Istat Membru emittenti [57], li jikkostitwixxu tali prova kuntrarja – elementi li jidhru li huma neqsin f'dan il-każ.

97. Għalhekk, inqis li fid-dawl tal-provi prodotti għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, sistema bħal dik fis-seħħ bħalissa fl-Awstrija hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

98. Minn dan nikkonkludi li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża prinċipali, jekk is-sistema tal-Istat Membru emittenti kkonċernat tinkludix il-garanziji proċedurali neċessarji sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tad-difiża tal-persuna kkonċernata mill-mandat ta' arrest Ewropew u li għandha tiżgura stħarriġ tal-proporzjonalità ta' dan il-mandat, skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. F'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, din is-sistema nazzjonali għandu jkollha l-elementi segwenti: l-ewwel nett, id-deċiżjoni inizjali ta' ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew għandha tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li fil-kuntest tiegħu l-qorti adita għandha tipproċedi b'eżami rigoruż tad-deċiżjoni msemmija qabel ma tagħti l-approvazzjoni tagħha; it-tieni nett, dan l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jsir qabel ma l-imsemmi mandat jipproduċi effetti ġuridiċi; u, it-tielet nett, l-approvazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew (li tirriżulta minn dan l-istħarriġ ġudizzjarju) għandha tkun appellabbli.

Konklużjoni

99. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, inqis li l-kwistjoni indirizzata mill-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin, il-Ġermanja) lill-Qorti tal-Ġustizzja titlob ir-risposta segwenti:

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża inkwistjoni, skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, l-ewwel nett, jekk il-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni nħariġx minn awtorità ġudizzjarja; it-tieni nett, jekk din l-awtorità ġudizzjarja aġixxietx b'indipendenza totali; u, it-tielet nett, jekk l-imsemmija awtorità evalwatx il-legalità u l-proporzjonalità tad-deċiżjoni li jinħareġ tali mandat.

57 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

F'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-punti segwenti jistgħu jiġu invokati sabiex jiġi stabbilit li s-sistema tal-Istat Membru emittenti tissodisfa r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva:

– id-deċiżjoni inizjali li jinħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li fil-kuntest tiegħu l-qorti adita twettaq eżami rigoruż tad-deċiżjoni msemmija qabel ma tagħti l-approvazzjoni tagħha;

– dan l-istħarriġ ġudizzjarju jsir qabel ma l-imsemmi mandat jipproduċi effetti ġuridiċi;

– l-approvazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew (li tirriżulta minn dan l-istħarriġ ġudizzjarju) għandha tkun appellabbli.